



2024/1488

27.5.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/1488

tas-27 ta' Mejju 2024

li jimplimenta r-Regolament (UE) 2024/1485 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Russja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/1485 tas-27 ta' Mejju 2024 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Russja ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 17(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-27 ta' Mejju 2024, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2024/1485.
- (2) L-Unjoni tibqa' soda fil-kundanna tagħha tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tar-repressjoni interna fir-Russja.
- (3) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, il-Kunsill iquis li jenħtieġ li jiżdiedu 19-il persuna fiżika u persuna ġuridika waħda mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness IV tar-Regolament (UE) 2024/1485.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2024/1485 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness IV tar-Regolament (UE) 2024/1485 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Mejju 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

J. BORRELL FONTELLES

⁽¹⁾ ĠU L, 2024/1485, 27.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1485/oj>.

ANNESS

L-Anness IV tar-Regolament (UE) 2024/1485 huwa emendat kif ġej:

(1) L-entrati li ġejjin jiżdiedu taħt l-intestatura “A. Persuni fiżiċi”:

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
“1.	Nikolai Pavlovich DUBOVIK (Николай Павлович ДУБОВИК)	Pożizzjoni: Imhalef tas-Supreme Court tal-Federazzjoni Russa Nazżjonalità: Russa Sess: raġel	Nikolai Pavlovich Dubovik huwa mhalef tas-Supreme Court tal-Federazzjoni Russa. Fil-pożizzjoni tiegħu, irrifjuta li jikkunsidra l-appell ta' kassazzjoni ta' Alexei Navalny kontra l-verdett fil-proċess ‘malafama ta’ veteran’. B'hekk, huwa skredita politikament lil Alexei Navalny qabel ir-referendum kostituzzjonali tal-2020 fir-Russja. Għalhekk, Nikolai Dubovik huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, billi kiser il-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni.	27.5.2024
2.	Eduard Borisovich ERDYNIEV (Эдуард Борисович ЭРДЫНИЕВ)	Pożizzjoni: Imhalef tas-Supreme Court tal-Federazzjoni Russa Nazżjonalità: Russa Sess: raġel	Eduard Borisovich Erdyniev huwa mhalef tas-Supreme Court tal-Federazzjoni Russa. Fil-pożizzjoni tiegħu, irrifjuta li jikkunsidra l-appell ta' kassazzjoni ta' Alexei Navalny kontra d-deċiżjoni li s-sentenza ta' probation tiġi ssostitwita b'sentenza sħiħa. Konsegwentement, Alexei. Navalny instab ħati usnin wara, ġie inkarċerat f'kolonja penali ta' sigurtà għolja sabiex ma jkunx jista' jinvolvi ruħu f'attività politika. Għalhekk, Eduard Borisovich Erdyniev huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, billi kiser il-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni.	27.5.2024
3.	Andrey Vladimirovich FEDOROV (Андрей Владимирович ФЕДОРОВ / ФЁДОРОВ)	Pożizzjoni: Imhalef tal-Kirovsky District Court, il-belt ta' Tomsk Nazżjonalità: Russa Sess: raġel	Andrey Vladimirovich Fedorov huwa mhalef Russu li jaħdem fil-Kirovsky District Court, il-belt ta' Tomsk. Fil-pożizzjoni tiegħu, ċaħad l-ilment dwar in-nuqqas ta' azzjoni tal-uffiċjali tal-Investigative Committee of the Russian Federation tat-Tomsk Oblast fir-rigward tal-avvelenament ta' Alexei Navalny. Id-deċiżjoni tiegħu wasslet għall-inkarċerazzjoni ta' Alexei Navalny. Għalhekk, Andrey Vladimirovich Fedorov huwa responsabbli għal attivitajiet li jdgħajfu serjament l-istat tad-dritt fir-Russja.	27.5.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
4.	Ekaterina Vasilevna FEDOTOVA (NAUMOVA) (Екатерина Васильевна ФЕДОТОВА (НАУМОВА))	Pożizzjoni: Rappreżentant tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni tar-Russja għall-belt ta' Khimki, Moscow Oblast Data tat-twelid: 06.11.1995 Nazjonalità: Russa Sess: mara	Ekaterina Vasilevna Fedotova (Naumova) taħdem fir-Rappreżentanza tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni tar-Russja għall-belt ta' Khimki, Moscow Oblast. Fil-pożizzjoni tagħha, haġet sehem fil-laqqha tal-qorti tat-18 ta' Jannar 2021, organizzata f'għassa tal-pulizija, u esiġiet l-estensjoni tad-detenzjoni illegali ta' Alexei Navalny bi 30 jum. Għalhekk, Ekaterina Fedotova Vasilevna (Naumova) hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, billi kisret il-libertà tal-opin- joni u tal-espressjoni.	27.5.2024
5.	Inna Alexandrovna FESENKO (Инна Александровна ФЕСЕНКО)	Pożizzjoni: Imhalef tal-Kirovsky District Court, il-belt ta' Tomsk Data tat-twelid: 22.12.1968 Nazjonalità: Russa Sess: mara	Inna Alexandrovna Fesenko hija mhalef Russa li taħdem fil-Kirovsky District Court, il-belt ta' Tomsk. Fil-pożizzjoni tagħha, hija darbejn irrifjutat ilmenti dwar in-nuqqas ta' azzjoni mill-Pulizija tat-Trasport ta' Tomsk fir-rigward tal-avvelenament ta' Alexei Navalny. Barra minn hekk, imponiet il-projbiz- zjoni ta' ċerti azzjonijiet fuq Ksenia Fadeeva, l-eks kap tal-kwartieri ġenerali tal-organizzazzjoni ta' Navalny f'Tomsk,. Għalhekk, Inna Alexandrovna Fesenko hija responsabbli għal attivitajiet li jdgħajfu serjament l-istat tad-dritt fir-Russja.	27.5.2024
6.	Ekaterina Viktorovna GALYAUDINOVA (Екатерина Викторовна ГАЛЯУТДИНОВА)	Pożizzjoni: Imhalef tal-Kirovsky District Court, il-belt ta' Tomsk Data tat-twelid: 1969 Nazjonalità: Russa Sess: mara	Ekaterina Viktorovna Galyautdinova hija mhalef Russa li taħdem fil-Ki- rovsky District Court, il-belt ta' Tomsk. Fil-pożizzjoni tagħha, hija ċaħdet darbejn ilmenti dwar in-nuqqas ta' azzjoni mill-Pulizija Tat-Trasport ta' Tomsk fir-rigward tal-investigazzjoni tal-avvelenament ta' Alexei Navalny. Għalhekk, Ekaterina Viktorovna Galyautdinova hija responsabbli għal attivitajiet li jdgħajfu serjament l-istat tad-dritt fir-Russja.	27.5.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
7.	Dmitry Evgenevich PANKRATOV (Дмитрий Евгеньевич ПАНКРАТОВ)	Pożizzjoni: Investigatur Għoli tal-Main Military Investigation Department of the Investigative Committee of the Russian Federation, Kurunell tal-Ġustizzja Data tat-twelid: 29.12.1967 Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Dmitry Evgenevich Pankratov huwa Investigatur Għoli tal-Main Military Investigation Department of the Investigative Committee of the Russian Federation. Fil-pożizzjoni tiegħu, irrifjuta li jiftaħ investigazzjoni fl-attentat ta' qtil ta' Alexei Navalny wara li Navalny ġie avvelenat bl-aġent nervin Novichok. Għalhekk, Dmitry Evgenevich Pankratov huwa responsabbli għal attivitajiet li jdgħajfu serjament l-istat tad-dritt fir-Russja.	27.5.2024
8.	Evgeniy Borisovich RASTORGUEV (Евгений Борисович РАСТОРГУЕВ)	Pożizzjoni: Imħallef tan-9th Arbitration Court of Appeal, Russja Data tat-twelid: 20.8.1970 Post tat-twelid: Vladimir Oblast, eks USSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Evgeniy Borisovich Rastorguev huwa imħallef tan-9th Arbitration Court of Appeal, ir-Russja. Fil-pożizzjoni tiegħu laqa' t-talba tal-kumpanija 'Druzhba Narodov' kontra Alexei Navalny. Alexei Navalny kien sostna, fl-investigazzjoni tiegħu, li l-kumpanija hija involuta fi skema ta' korruzzjoni mal-Gwardja Nazzjonali Russa (Rosgvardia). Għalhekk, Evgeniy Borisovich Rastorguev huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir Russja, billi kiser il-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni u għal attivitajiet li jdgħajfu serjament l-istat tad-dritt fir-Russja.	27.5.2024
9.	Alexander Sergeevich ERMOLENKO (Александр Сергеевич ЕРМОЛЕНКО)	Pożizzjoni: Kap tal-fergħa Nru 15 tal-istituzzjoni governattiva federali 'Criminal Executive Inspectorate of the Directorate of the Federal Penitentiary Service in the City of Moscow' Data tat-twelid: 11.11.1993 Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Alexander Sergeevich Ermolenko huwa l-Kap tal-fergħa Nru 15 tal-istituzzjoni governattiva federali 'Criminal Executive Inspectorate of the Directorate of the Federal Penitentiary Service in the City of Moscow'. Fil-pożizzjoni tiegħu, appoġġa t-trasformazzjoni tas-sentenza sospiża ta' Alexei Navalny f'piena ta' kustodja matul is-seduta tal-qorti fil-kawża Yves Rocher. Għalhekk, Alexander Sergeevich Ermolenko huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, billi kiser il-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni.	27.5.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
10.	Irina Geroldovna KIM (Ирина Герольдовна КИМ)	Pożizzjoni: Imhallet tal-Kovrov City Court ta' Vladimir Oblast Data tat-twelid: 14.8.1978 Nazjonalità: Russa Sess: mara	Irina Geroldovna Kim hija mhallet tal-Kovrov City Court ta' Vladimir Oblast. Mill-2022 hija kienet involuta direttament fil-ħolqien u ż-żamma ta' kundizzjonijiet ta' tortura għal Alexei Navalny billi ċaħdet ripetutament il-pretensjonijiet ta' Alexei Navalny kontra l-kolonja penali IK-6 fir-rigward tat-trattament tiegħu, fejn kien qed jiskonta piena imposta b'riżultat ta' prosekuzzjoni politikament motivata. Għalhekk, Irina Geroldovna Kim hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż it-tortura, u trattament jew pjeni krudili, inumani jew degradanti oħra, detenzjonijiet arbitrarji, u l-ksur sistematiku tal-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni.	27.5.2024
11.	Kirill Sergeevich NIKIFOROV (Кирилл Сергеевич НИКИФОРОВ)	Pożizzjoni: Imhallet tal-Kovrov City Court ta' Vladimir Oblast Data tat-twelid: 14.3.1992 Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Kirill Sergeevich Nikiforov huwa mhallet tal-Kovrov City Court ta' Vladimir Oblast. Mill-2022, huwa kien involut direttament fil-ħolqien u ż-żamma ta' kundizzjonijiet ta' tortura għal Alexei Navalny billi ċaħad ripetutament il-pretensjonijiet ta' Alexei Navalny kontra l-kolonja penali IK-6 fir-rigward tat-trattament tiegħu, fejn kien qed jiskonta piena ta' 12-il sena imposta b'riżultat ta' prosekuzzjoni politikament motivata. Għalhekk, Kirill Sergeevich Nikiforov huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż it-tortura, u trattament jew pjeni krudili, inumani jew degradanti oħra, detenzjonijiet arbitrarji, u l-ksur sistematiku tal-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni.	27.5.2024
12.	Sergey Vladimirovich BLINOV (Сергей Владимирович БЛИНОВ)	Pożizzjoni: Imhallet tal-Leninsky District Court ta' Kirov Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Sergey Vladimirovich Blinov huwa mhallet tal-Leninsky District Court ta' Kirov. Fl-2013, huwa ikkundanna lil Alexei Navalny għal 5 snin u lin-negozjant Pyotr Ofitserov għal 4 snin ħabs fuq akkużi ta' miżapproprijazzjoni fil-proċess politikament motivat tal-'kawża Kirovles'. Barra minn hekk, weħlu multa ta' 500 000 rublu kull wieħed. Għalhekk, Sergey Vladimirovich Blinov huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, billi kiser il-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni.	27.5.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
13.	Evgeny Vladimirovich BORISOV (Евгений Владимирович БОРИСОВ)	Pożizzjoni: imħallef tan-Nikulinsky District Court ta' Moska Nazżjonalità: Russa Sess: raġel	Evgeny Vladimirovich Borisov huwa mħallef tan-Nikulinsky District Court ta' Moska. Fl-2015, huwa aċċetta l-pretensjoni tal-kumpanija Kirovles, biex tirkupra 16-il miljun rublu minn Alexei Navalny u żewġ konvenuti oħra fil-kawża politikament motivata "Kirovles". Għalhekk, Evgeny Vladimirovich Borisov huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, billi kiser il-libertà tal-opinjoni u tal-es- pressjoni.	27.5.2024
14.	Tatyana Stanislavovna DODONOVA (Татьяна Станиславовна ДОДОНОВА)	Pożizzjoni: Imħallef tal-Moscow City Court Nazżjonalità: Russa Sess: mara	Tatyana Stanislavovna Dodonova hija mħallef tal-Moscow City Court. Fl-2014 irrikonnoxieth bħala legali d-deċiżjoni li Alexei Navalny jitpoġġa f'detenzjoni domiciliari fil-kawża "Yves Rocher". Kienet involuta sistemati- kament f'kawżi kontra ċittadini tal-Federazzjoni Russa li opponew ir-reġim politiku fir-Russja billi kkundannat lil persuni arrestati b'rabta mal-Protesti f'Moska tal-2019. Għalhekk, Tatyana Stanislavovna Dodonova hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, billi kisret il-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni.	27.5.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
15.	Elena Sergeevna ASTAKHOVA (Елена Сергеевна АСТАХОВА)	Pożizzjoni: Imhalef tal-Golovinsky District Court ta' Moska Data tat-twelid: 30.3.1978 Nazjonalità: Russa Sess: mara Nru tal-Identifikazzjoni 45 01 525454 Numru Personali tal-Identifikazzjoni tal-Kontribwent (ИИВ): 7703204586	Bħala mħallef tal-Golovinsky District Court ta' Moska, Elena Sergeevna Astakhova kkundannat lil Oleg Orlov, difensur tad-drittijiet tal-bniedem prominenti u kopresident ta' "Memorial", għal sentejn u sitt xhur f'kolonja b'reġim ġenerali fuq akkużi politikament motivati, talli tkellem kontra l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Oleg Orlov, li għandu 70 sena, huwa wieħed mid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem mill-aktar rispettati u li ilu jagħmel dan ix-xogħol fir-Russja, wieħed mill-mexxejja tal-organizzazzjoni Memorial Human Rights Defence Center (HRDC "Memorial") li rebħet il-Premju Nobel għall-Paċi fl-2022, li għet likwidata bħala parti mir-repressjoni sistematika u fuq skala kbira tal-libertajiet tal-espressjoni, l-għaqda paċifika u l-assoċjazzjoni fir-Russja. Oleg Orlov ġie akkużat u kkundannat li allegatament "skredita" l-armata Russa wara li ppubblika artiklu ta' opinjoni fil-media Franċiża kontra l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, Elena Sergeevna Astakhova hija responsabbli għal ksur serju ta' drittijiet tal-bniedem fir-Russja billi kisret il-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni.	27.5.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
16.	Sergey VOROBYOV (Сергей ВОРОБЬЕВ)	Pożizzjoni: Prosekutur tal-Istat	Bħala prosekutur fil-kawża politikament motivata kontra d-difensur tad-drittijiet tal-bniedem prominenti Oleg Orlov, Sergey Vorobyov talab li Oleg Orlov jiġi kkundannat sentejn u ħdax-il xahar ħabs, filwaqt li argumenta li l-artiklu ta' Orlov kontra l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kien immotivat minn "ostilità ideoloġika u mibegħda". Oleg Orlov, li għandu 70 sena, huwa wieħed mid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem mill-aktar rispettati u li ilu jagħmel dan ix-xogħol fir-Russja, wieħed mill-mexxejja tal-organizzazzjoni Memorial Human Rights Defence Center (HRDC "Memorial") li rebħet il-Premju Nobel għall-Paċi fl-2022, li ġiet likwidata bħala parti mir-repressjoni sistematika u fuq skala kbira tal-libertajiet tal-espressjoni, l-għaqda paċifika u l-assoċjazzjoni fir-Russja. Oleg Orlov ġie akkużat u kkundannat li allegatament "skredita" l-armata Russa wara li ppubblika artiklu ta' opinjoni fil-midja Franċiża kontra l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, Sergey Vorobyov huwa responsabbli għal ksur serju ta' drittijiet tal-bniedem fir-Russja billi kiser il-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni.	27.5.2024
17.	Ilya Andreevich SAVCHENKO (Илья Андреевич САВЧЕНКО)	Pożizzjoni: Investigatur fl-Investigative Department of Tver (Investigative Committee of the Russian Federation) Data tat-twelid: 18.6.1997 Post tat-twelid: Rtishchevo – Saratov Region, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Bħala investigatur fl-Investigative Committee tar-Russian Federation, Ilya Andreevich Savchenko ġie assenjat il-każ ta' Oleg Orlov u kkontribwixxa biex Orlov ġie akkużat minħabba l-pubblikazzjoni ta' artiklu ta' opinjoni kontra l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Ilya Andreevich Savchenko stabbilixxa li Orlov kien ippubblika l-artiklu ggwidat minn 'ostilità ideoloġika kontra l-valuri spiritwali, morali u patrijottiċi Russi tradizzjonali' u minn mibegħda kontra l-grupp soċjali 'Russian militaries'. Għaldaqstant, l-investigatur Ilya Andreevich Savchenko huwa responsabbli għal ksur serju ta' drittijiet tal-bniedem fir-Russja billi kiser il-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni.	27.5.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
18.	Oksana Vasilyevna DEMYASHEVA (Оксана Васильевна ДЕМЯШЕВА)	Pożizzjoni: Imhalled tal-Vasileostrovsky District Court of Saint Petersburg Data tat-twelid: 10.3.1980 Nazjonalità: Russa Sess: mara	Bħala mhalled tal-Vasileostrovsky District Court ta' Saint Petersburg, Oksana Vasilyevna Demyasheva kkundanat lil Alexandra Skochilenko, artista, għal seba' snin ħabs fuq akkużi politikament motivati talli xerrdet hekk imsejħa 'aħbarijiet foloz' dwar l-armata Russa. Skochilenko ġiet arrestata talli ssostitwiet tikketti tal-prezzijiet ġewwa supermarket bi stickers kontra l-gwerra. Saret waħda mill-ewwel persuni akkużati taħt il-liġi kriminali li kienet għadha kif ġiet adottata li tipprojbixxi hekk imsejħa 'aħbarijiet foloz' dwar l-armata Russa, u l-proċess tagħha attira attenzjoni kbira mill-pubbliku minħabba l-pressjoni mingħajr preċedent li Skochilenko esperjenzat mill-amministrazzjoni tal-ħabs, l-imhalled, u l-prosekuzzjoni. Għaldaqstant, Oksana Vasilyevna Demyasheva hija responsabbli għal ksur serju ta' drittijiet tal-bniedem fir-Russja billi kisret il-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni.	27.5.2024
19.	Alexander Yurievich GLADYSHEV (Александр Юрьевич ГЛАДЫШЕВ)	Pożizzjoni: Prosekutur fid-Department of State Prosecutors / Saint Petersburg Prosecutor's Office Data tat-twelid: 28.10.1994 Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Bħala prosekutur fil-Prosector's Office f'Saint Petersburg, Alexander Yurievich Gladyshev talab tmien snin ħabs għal Alexandra Skochilenko, artista, fuq akkużi politikament motivati ta' tixrid ta' 'aħbarijiet foloz' dwar l-armata, wara li ġiet arrestata talli ssostitwiet tikketti tal-prezzijiet ġewwa supermarket bi stickers kontra l-gwerra. Skochilenko saret waħda mill-ewwel persuni akkużati taħt il-liġi kriminali li kienet għadha kif ġiet adottata li tipprojbixxi hekk imsejħa 'aħbarijiet foloz' dwar l-armata Russa, u l-proċess tagħha attira attenzjoni kbira mill-pubbliku minħabba l-pressjoni mingħajr preċedent li Skochilenko esperjenzat mill-amministrazzjoni tal-ħabs, l-imhalled, u l-prosekuzzjoni. Għaldaqstant, Alexander Yurievich Gladyshev huwa responsabbli għal ksur serju ta' drittijiet tal-bniedem fir-Russja billi kiser il-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni.	27.5.2024"

(2) l-entrata li ġejja tizzied taħt l-intestatura “B. Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi”:

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
“1.	FEDERAL PENITENTIARY SERVICE OF THE RUSSIAN FEDERATION (FSIN) ФЕДЕРАЛЬНАЯ СЛУЖБА ИСПОЛНЕНИЯ НАКАЗАНИЙ (ФСИН) (RU)	Indirizz: Zhitnaya Street 14 Yakimanka District, Central Administrative Okrug, Moscow Sit web: http://www.fsin.su/eng	Il-Federal Penitentiary Service of the Russian Federation (FSIN) huwa aġenzija federali taħt is-superviżjoni tal-Ministeru għall-Ġustizzja tar-Russja. L-FSIN hija l-awtorità federali għad-detenzjoni ta’ persuni ssuspettati u kkundannati, is-sigurtà u ż-żamma tal-ħabsijiet fir-Russja, it-trasport ta’ prigionieri, u l-programmi ta’ riabilitazzjoni. Bħala tali, l-FSIN huwa l-awtorità ċentrali li timmaniġġja s-sistema tal-ħabsijiet Russa, magħruf għall-abbużi mifruxa u sistematiċi tiegħu kontra, u t-ttrattament ħażin ta’, prigionieri politiċi fir-Russja. Bħala aġenzija federali, l-FSIN huwa responsabbli għall-kolonji penali fejn inżamm il-politiku tal-oppożizzjoni Russa Alexei Navalny fuq akkużi politikament motivati u fejn eventwalment miet fis-16 ta’ Frar 2024. Matul l-inkarċerazzjoni tiegħu, Alexei Navalny soffra abbużi, inkluż permezz ta’ reklużjoni f’ċella ta’ kastig u trattament krudili, inuman u degradanti, li wassal għad-deterjorament serju ta’ saħħtu. Prigionieri politiċi oħrajn miżmuma fis-sistema tal-ħabsijiet Russa taħt kundizzjonijiet ħorox simili ta’ detenzjoni, huma sottomessi għal abbuż u trattament ħażin, bl-għan li jkissruhom fiżikament u psikoloġikament. FSIN huwa għalhekk responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż it-tortura u t-ttrattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra.	27.5.2024”